MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

| | |
|---|---|
| Referenza: | Minuti tas-Seduta 20/K6/2010 |
| Data: | It-Tlieta, 28 ta' Settembru 2010 |
| Post: | Ufficcju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 17.30 pm |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sindku : | Sur Clifton Grima |
| | Il-Vici Sindku: | Sinjorina Margaret Baldacchino |
| | Il-Kunsilliera: | Sur Emanuel Abela<br>Sur Emanuel Brincat<br>Dott. Carmelo Grima<br>Sur Matthew Agius<br>Sur Charles Selvaggi |
| | Is-Segretarju Ezekuttiv: | Sur Matthew Dimech |

AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie ppublikat nhar il-Gimgha, 17 ta'Settembru 2010. L-Agenda kienet taqra hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 18/K6/2010.
2. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 19/K6/2010.
3. Materji mill-Minuti.
4. Korrispondenza.
5. Minuti mil-Kumitat Amministrattiv Swatar
6. Maratona ta' hamsin siegha b'risq il-creche.
7. Progress fuq il-hidma tal-Kunsill – Materji Pendenti.
8. Fuljett tal-Kunsill u Riklami – Harga ta' Dicembru 2010.
9. Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet
10. Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati.
11. Affarijiet ohra jekk urgenti.
12. Aggornament.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Seduta Nru 20/K6/2009

Punt 1 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 18/K6/2010

737. Is-Sindku ressaq il-Minuti bħala moqrija. Kien hemm is-segwenti korrezjonijiet:

738. Dwar minuta 661, C Selvaggi qal li l-ewwel sentenza tal-minuta għanda tiġi: *"Dwar minuta 605, is-Sindku qal li għadda l-ittra mibgħuta mil-klabb tal-futbol Msida St. Joseph lis-Segretarju* ***daqs gimgħa ilu*** *u li dan għadda din l-ittra lill-Kunsilliera hekk kif kien mitlub."*

739. Dwar minuta 661, M Agius qal li f'pagna 4, għanda tiżdied sentenza li tgħid: "*Dott. Grima qal li vera kien isir kull sena, iżda dan wara li tkun saret l-approvazjoni mill-Kunsill Lokali kif mitlub bil-liġi.* ***Liema liġi inbidlet f'Jannar 2010 u li issa l-Kunsilliera għandhom responsabilta personali****"*

740. Dwar minuta 661, is-Sindku qal li f'paġna 4, għandu jiżdied il-kliem mas-sentenza: "*Is-Sindku saqsa jekk it-tazzi li inxtraw għal logħba tal-ġostra kienux ġew approvati* ***waqt laqgħa tal-Kunsill****".*

741. Dwar minuta 661, M Agius qal li għanda tiżdied sentenza fil-minuta kif ġej: "*Is-Sindku saqsa jekk it-tazzi li inxtraw għal logħba tal-ġostra kienux ġew approvati waqt laqgħa tal-Kunsill. Is-Segretarju wieġeb fin-negattiv.* ***C Selvaggi irrimarka illi dwar ix-xiri ta' dawn it-tazzi kulħadd kien infurmat u kien hemm qbil dwarhom.****"*

742. Dwar minuta 661, M Agius qal li għandu jiżdied kliem mas-sentenza: *"M Agius qal li jaqbel li jsiru attivitajiet sportivi mill-Kunsill, iżda din* ***tal-futbol*** *ma ġietx approvata."*

743. Dwar minuta 661, M Agius qal li żewġ sentenzi fil-minuta għandhom jinqelbu biex jiġu jaqraw:

*"Is-Sindku waqqaf xi membri tal-publiku preżenti milli jikkumentaw dwar din il-materja waqt il-laqgħa tal-Kunsill.*

*M Agius qal li jaqbel li jsiru attivitajiet sportivi mill-Kunsill, iżda din tal-futbol ma ġietx approvata."*

744. Dwar minuta 674, Dott. Grima qal li għanda tiżdied minuta 674 (b) li tgħid: *"Is-Sindku qal li peress li dawn l-emails daħlu ftit siegħat ilu, ikun għaqli li l-Kumitat Offerti Publiċi jerġa jevalwa s-sitwazjoni. Dott. Grima qal li l-materja hija urġenti u għaldaqstant għanda tiġi deċiża f'din il-laqgħa."*

745. Dwar minuta 677, is-Sindku qal li għandu jiżdied il-kliem fis-sentenza: *"Is-Sindku* ***qabel li l-materja hija urġenti u għaldaqstant*** *qal li kif intefghu t-tenders, bil-prezzijiet originali, meta wiehed ihares lejn dawk li għadhom validi, jigifieri: Schembri Infrastructures Ltd., V&C Contractors Ltd., Bonnici Brothers u Road Servicing Ltd., dan tal-ahhar, jigifieri, Road Servicing Ltd. huwa l-irhas tender min dawk li ghadhom validi.*

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

*Il-Kunsill qabel li jghazel l-offerta ta' Road Servicing Ltd. ghal prezz ta' €137,266.21."*

746. Dwar minuta 673, is-Sindku qal li f'sentenza minnhom għandu jiżdied il-kliem: *"(b) Dawk it-tenderers li offrew discount fuq l-ammont li originalment ġie offrut, ma jistgħux jiġu ikkunsidrati bl-ammont tad-discount, izda jistghu biss jigu kunsidrati fuq l-ammont originali li bih intefghet l-offerta.* ***Is-Sindku qabel.****"*

747. Dwar minuta 678, Dott. Grima qal li f'sentenza minnhom għandu jiżdied il-kliem: *"Fuq dan il-punt, E Brincat issugerixxa li mal-progett ta' traffic management fi Triq Victor Denaro, isiru* ***mill-gdid*** *ukoll il-bankini ta' Triq Victor Denaro, Triq Schranz u Triq Bellanti. Il-Kunsill qabel."*

748. M Agius qal li għanda tiżdied sentenza numru 684 (b) li tgħid: *"M Agius qal ukoll li bħala membru fil-Kumitat hu kien qal li jekk issir l-Għana, l-ispejjeż ta' l-Għanneja ma għandhomx jeċċedu il-€500".*

749. Is-Sindku ressaq il-minuti 18/K6/2010 għall-approvazjoni. C Selvaggi issekonda. Il-Minuti gew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

750. Is-Sindku ssospenda l-laqgħa. Ħin: 18.25

751. Il-laqgħa kompliet. Ħin: 18.33

752. E Abela qal li avolja saret il-korrezjoni numru 684(b), hu xorta jinsisti illi dan il-kliem ma intqalx.

Punt 2 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 19/K6/2010

753. Is-Sindku ressaq il-Minuti bħala moqrija. Kien hemm is-segwenti korrezjonijiet:

754. M Baldacchino qalet li ma minuta numru 732, għanda tiżdied sentenza li tgħid: *"M Baldacchino qalet li fejn il-ġibjun u Pantalesco għanda titawwal is-central strip; biex isir bus shelter fuq l-istage ta' fejn Jhonsons; u tkelmet dwar progett finanzjat mil-Unjoni Ewropeja dwar tghalim tal-ICT, li jista isir mal-kumpanija TCTC u Kunsilli ohra. Il-Kunsill qabel ma din l-inizjattiva.* ***Qalet ukoll li minhabba zlieq ghanda tigi rrangata d-dahla tas-subway****"*

755. Is-Sindku ressaq il-minuti 19/K6/2010 għall-approvazjoni. Dott. Grima issekonda. Il-Minuti gew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Punt 3 Materji mill-Minuti

756. Dwar minuta 661, C Selvaggi qal li kien hemm differenza bejn l-approvazjoni tat-tazzi għal ġostra u din tax-xiri tat-tazzi tal-futbol. C Selvaggi qal li fil-każ ta' xiri ta' tazzi għal Ġostra, s-Segretarju Eżekuttiv kien bgħat e-mail lill-



UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Kunsilliera fejn saqsa lill-Kunsilliera jaqblux li jinħareġ dan id-*direct order* biex jinxtraw it-tazzi għax il-materja kienet urġenti. C Selvaggi qal li l-Kunsilliera qablu bil-miktub.

Hawn C Selvaggi preżenta fuq il-mejda kopji tal-emails li juru kif kull Kunsillier ta' l-approvazjoni tiegħu biex dawn it-tazzi jinxtraw, inkluż is-Sindku stess, li fl-approvazjoni tiegħu qal lis-Segretarju Eżekuttiv il-kliem "*tajjeb, mexxi as discussed*" f'email datata t-Tlieta 13 ta' Lulju 2010.

C Selvaggi qal li ressqu lejħ ċittadini fejn saqsewħ l-għala qed jaqbdu fuq din tal-futbol, fejn f'tal-ġostra sar l-istess. C Selvaggi qal li dawn l-emails juru li dan mhux minnu.

757. Dwar minuta 661, Dott. Grima qal li la darba issa dawn il-minuti ġew approvati, inkluż is-sentenza fil-minuta 661 - *"Is-Sindku waqqaf xi membri tal-publiku prezenti milli jikkumentaw dwar din il-materja waqt il-laqgħa tal-Kunsill"* - mela huwa vera li kien hemm interruzjonijiet mill-publiku preżenti waqt il-laqgħa tal-Kunsill għax l-ebda Kunsillier ma ikkoreġa din il-parti tal-minuta.

758. Dwar minuta 666, E Abela saqsa sarx progress. Is-Sindku qal li ġie iffirmat il-ftehim tal-kirja mad-Dipartiment għal Gvern Lokali. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsilliera illi dan l-uffiċju għandu jiġi armat malajr kemm jista jkun.

759. Dwar minuta 673, is-Segretarju qara e-mail b'referenza 1364. Is-Segretarju qal li bgħat l-ittra ta' aċċetazjoni lill-kuntrattur mgħażul mill-Kunsill, u li dan għamel il-*Performance Bond* kif mitlub. Is-Segretarju qal li ma kien hemm l-ebda oġġezjoni bil-miktub mill-kuntratturi li ma intgħażlux.

760. Dwar minuta 678, E Abela saqsa sarx progress dwar it-*traffic management* fi Triq Victor Denaro. Is-Segretarju wieġeb fin-negattiv peress illi kien għad ma hemmx approvazjoni formali min Transport Malta.

761. Dwar minuta 679, E Brincat saqsa sarx progress wara l-laqgħa mal-Ministru għall-Edukazjoni dwar l-proġett fl-Iskola Materi Dei. M Agius qal li ma jaf xejn ġdid. M Agius qal li ħa jibgħat e-mail ħa jara sarx xi progress mill-Ministeru. Is-Sindku qal li ħa jkellem lill-kuntrattur Nexos u l-Pulizija dwar il-bozza fuq 'Arcidiacono'.

762. Dwar minuta 681, is-Sindku qal li l-Korporazjoni għas-Servizzi tal-Ilma infurmatu illi hemm *stoppage* fl-Għajn tal-Ħasselin, iżda hadd ma irranġa. Is-Sindku qal li qiegħed jgħamel pressjoni biex fil-bidu tas-sajf l-Għajn tal-Ħasselin titnaddaf sew.



UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

763. Dwar minuta 682, is-Segretarju qal li talab kjarifika mid-Dipartiment dwar l-varjanza fil-kuntratt billi ser isir knis *extra* madwar l-iskejjel. Is-Segretarju qal li d-Dipartiment għadu ma weġibx għat-talba ta' kjarifika.

764. Dwar minuta 685, is-Sindku qal li għamel laqgħa ma' tal-*Marina Home*. Il-Kunsill qabel li niverifikaw mal-MEPA dwar *planning gain* u x'talbuħ jgħamel, qabel nitkelmu miegħu.

765. Dwar minuta 686, Dott Grima qal li l-Kunsill għandu jsaqsi lid-Dipartiment tal-Artijiet dwar it-titlu ta' Triq Censu Farrugia, u mhux jgħamel Mistoqsija Parlamentari.

766. Dwar minuta 695, Dott. Grima qal li żgur ma kienx qed jivvinta li fil-laqgħa tal-Kunsill kienu saru affarijiet mhux aċċetabli waqt laqgħat ta' gvern lokali. Il-minuti jikkonfermaw li saret intimidazzjoni u *messa in xena*. Dott Grima qal li jispera illi dawn l-affarijiet ma jerġawx isiru.

Is-Sindku qal illi huwa sikkett lil min prova jinterrompi.

M Agius innega dan li qal s-Sindku, għax waqt li tkellem hu ġie interrot u ħadd ma waqqaf lil min beda jinterrompi.

767. Dwar minuta 698, M Agius qal li fil-minuta s-Sindku qal li ma kienx hemm interruzjonijiet, u li issa qed jgħid li saħansitra huwa waqqaf dawn l-interruzjonijiet.

Is-Sindku irrepeta illi kull min għamel interruzjoni, huwa waqqafhom. M Agius reġa innega dan.

C Selvaggi ikkonferma dan li qed jgħid M Agius, fejn s-Sindku l-ewwel ċaħad li kien hemm interruzjonijiet, u issa qed juri li kien hemm u li hu waqqafhom.

768. Dwar minuta 696, M Agius saqsa lis-Sindku għala qed jgħid li ma kienx hemm kliem goff mill-membri tal-publiku waqt is-sospensjoni tal-laqgħa tal-Kunsill meta huwa (Is-Sindku) ma kienx preżenti fil-kamra tal-laqgħa tal-Kunsill f'dak il-mument. Is-Sindku qal li kien għadu fil-binja, u fl-ebda ħin ma sema' għajjat jew kliem goff.

C Selvaggi saqsa lis-Sindku jekk din l-azzjoni kienetx *pre-meditata*? Is-Sindku irrefera lil C Selvaggi għal minuta 696 stess.

769. Dwar minuta 699, Dott. Grima qal li C Selvaggi beża jitkellem waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Din torbot ma minuta 703 fejn E Brincat ħassu mdejjaq b'dak li kien seħħ waqt is-sospensjoni tal-laqgħa. Dott. Grima saqsa kif jista jkun li Kunsillier ħassu mdejjaq meta s-Sindku qed jgħid li ma ġara xejn?



UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Dott. Grima qal li s-sentiment muri min E Brincat jikkonferma illi fil-kamra tal-laqgħa tal-Kunsill, waqt is-sospensjoni tal-laqgħa fil-31 ta' Awissu 2010, ma kienetx kif qed ipingiha s-Sindku, iżda kienet waħda ta' tensjoni, li ġġib dwejjaq lill-Kunsilliera li jiprovaw jaqdu d-doveri pubbliċi tagħhom.

Dott. Grima saħħaħ l-argument tiegħu billi għamel referenza għal minuta 705, fejn M Baldacchino qalet li "*…ma għanda x'taqsam xejn mal-inċidenti li seħħew il-ġimgħa li għaddiet*".

Dott. Grima qal li Kunsillier qed jgħid li hu mdejjaq, Kunsilliera oħra qed issemmi li kien hemm inċidenti. Dan jissostanzja dak li l-Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista qed isostnu li kien hemm intimidazjoni mill-publiku, u juri biċ-ċar li hemm verita f'dak li qed jgħidu.

E Brincat ikkonferma li kien mdejjaq u sorpriż, u qed jerġa jitlob li ssir laqgħa mal-Kumitat tal-Klabb tal-Futbol sabiex jingħalaq dan il-kapitlu.

770. Dwar minuta 716, E Brincat saqsa sarx progress. Is-Segretarju reġa spjega l-proċess li irid isir. Is-Sindku qara ittra mill-Ministeru tal-Ambjent dwar il-manutenzjoni tal-funtana. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa mal-Ministeru sabiex nesploraw possibilitajiet kif tista tiġi msewwija il-funtana ta' quddiem l-Għassa.

771. Dott. Grima saqsa sarx progress fuq minuta 722, dwar tibdil fit-*traffic management* (*central strip*) fi triq il-Wied. Is-Sindku wiegeb fin-negattiv.

772. Dwar minuta 724, E Abela qal li bgħat l-ittra msemmija lill-Isqof, u li ftit jiem wara li ntbgħatet din l-ittra, ingħata l-permess mill-Kappillan biex tintuża l-Knisja tal-Kuncizzjoni għal Jum l-Anzjani. Il-Kunsill qabel ukoll li issir laqgħa informali mal-anzjani fil-komunita u li jkun hemm *refreshments*. Il-Kunsill approva l-kwotazjoni tal-kumpanija 'Mannarinu Caterers' bil-prezz ta' €3.15 kull persuna.

773. Dwar minuta 728, C Selvaggi qal li kien għadu ma fthemx ma E Brincat biex jaraw ir-rampa fi Triq l-Universita.

774. Dwar minuta 727, E Brincat saqsa jekk is-*sympathy cards* msemmija intbgħatux. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

775. Dwar minuta 731, M Agius qal li qed isir tindif madwar il-Bring in Sites fit-Triq Victor Denaro, iżda ftit minuti wara qed ikun hemm *dumping*. M Agius fakkar lis-Sindku biex jiddiskuti l-materja mal-Uffiċjal Awtorizzat.

776. Dwar minuta 732, M Baldacchino qalet li l-laqgħa dwar il-kors tal-ICT saret, u li hi attendiet f'isem l-Kunsill Lokali Msida, u li għaldaqstant ser issir l-applikazjoni fil-ġimgħat li ġejjin mill-Kunsilli involuti u l-kumpanija TCTC.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

777. Dwar minuta 734, E Brincat qal li t-twaqqiegħ tal-bini tal-*Housing Authority* huwa lest, u li issa ser jibda x-xogħol ta' bini ta' *boundary wall*.

778. Dwar minuta 735, E Brincat qal li ma hemmx għalfejn issir bozza ġdida fi Triq il-Wied, iżda kull ma hemm bżonn huwa li fanal minnhom jitressaq ftit.

779. Is-Sindku talab sospensjoni tal-aġenda sabiex il-punti l-aktar ta' prijorita jiġu diskussi l-ewwel.

Punt 6 Maratona ta' ħamsin siegħa b'risq il-creche

780. Is-Sindku qal li l-organizzaturi tal-Maratona talbu biex jitwaħħlu *posters* li jirriklamaw l-attivita mal-lokal. Il-Kunsill qabel.

Punt 8 Fuljett tal-Kunsill u Riklami – Harga ta' Dicembru 2010

781. Is-Sindku bħala editur tal-fuljett tal-Kunsill qal li l-artikoli kollha tal-Kunsilliera għandhom jaslu għandu sal-ħmistax ta' Ottubru 2010. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsilliera jiġbru riklami għal fuljett.

Punt 4 Korrispondenza

782. Is-Sindku qara korrispondenza numru 41/1450/10/1 mibgħuta mill-Klabb Msida St. Joseph Football Club, liema Klabb qiegħed jitlob il-permess tal-Kunsill għajnuna biex issir rampa mill-Kazin il-ġdid tagħhom għal fuq il-bankina, u li biex il-bankina tibqa aċċessibli għar-residenti, l-istess bankina għanda titkabbar mill-Kunsill.

782. (b) Il-Kunsilliera irrimarkaw li ma hix kompetenza tal-Kunsill illi jgħati tali permess. Is-Segretarju irrimarka illi l-bankini kollha huma art publika.

782. (c) E Brincat qal li ser jkellem lill-President tal-Klabb, fejn dan ser jitolbu pjanta ta' perit kif qed jiproponu li ssir ir-rampa, u li wara li din tiġi ivverifikata mal-perit tal-Kunsill, terġa titressaq quddiem il-Kunsill għall-approvazjoni.

Punt 5 Minuti mill-Kumitat Amministrattiv Swatar

783. Ic-Cermen qalet illi fit-8 ta' Ottubru ser issir laqgħa fil-Kunsill Lokali ta' Birkirkara dwar il-konfini tas-Swatar. Hi ħeġġet lill-Kunsilliera jattendu għal din il-laqgħa ferm importanti.

784. Ic-Cermen infurmat lill-Kunsilliera illi fit-2 ta' Ottubru ser issir attivita sabiex il-Kunsilliera u l-Kumitat tas-Swatar jiltaqa' mar-residenti. Ser isiru ukoll taħdidiet mal-Pulizija.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Punt 9 Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet

785. Is-Sindku ressaq il-lista tal-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazjoni. Dott. Grima ssekonda. Il-lista ġiet iffirmata mis-Sindku, Dott Grima u s-Segretarju Eżekuttiv.

Punt 11 Affarijiet oħra jekk urġenti

788. M Baldacchino proponiet li l-Kunsill jorganizza attivita fi żmien il-Milied, u li din issir flimkien mal-Klabb tal-Banda. Il-Kunsill qabel li l-ispiża ma għandiex teċċedi €350.

789. E Abela qal li hemm bini perikoluż fi Triq ix-Xatt tal-Imsida. Il-Kunsill qabel li nitolbu il-parir tal-avukat kif għandna nipproċedu u filkas niktbu ittra lis-sid tal-post biex jirrimedja s-sitwazjoni.

790. Dott Grima saqsa kjarifika lis-Sindku dwar l-emails li ntbgħatu mis-Segretarju, fejn dan saqsa lis-Sindku dwar pjanti li saru mil-Perit tal-Kunsill fuq bankina fi Triq Censu Farrugia, liema pjanti ma ġewx approvati biex isiru mill-Kunsill. Is-Sindku semma l-problema fil-bankina tat-triq quddiem resident partikolari, u li għaldaqstant talab lill-Perit jgħamel planta kif tista titranġa din il-parti tal-bankina.

Dott. Grima qal li din il-pjanta ma kienetx approvata biex issir mill-Kunsill. Is-Sindku qal li l-Perit għamel il-pjanta u mhux ser jitlob ħlas għaliha.

791. Is-Sindku qal li hawn bżonn isir *Residential Parking Scheme* f'inħawi tal-Imsida. Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lill-Transport Malta sabiex jiġi verifikat jekk dan jistax isir b'mod legali.

792. E Brincat semma problema ta' konġestjoni ta' traffiku quddiem il-Kuleġġ San Martin fis-Swatar. Il-Kunsill qabel li jintbgħatu Pulizija tat-traffiku darbtejn fil-ġimgħa għal żmien ta' xagħar.

793. C Selvaggi qal li *boundary wall* fi Triq Clarence waqa, u li qed jintefa l-iskart warajħ.

Punt 7 Progress fuq il-hidma tal-Kunsill – Materji Pendenti

794. Il-Kunsill qabel li dan il-Punt jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

Punt 12 Aġġornament

795. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 26 ta' Ottubru 2010.

796. Il-laqgħa ntemmet. Ħin: 20.30



UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Approvati llum ______________________________

Nutar Clifton Grima
Sindku

Matthew Dimech
Segretarju Ezekuttiv

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com